Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 408/2009AE

**KCV Bakers Co Limited**

**Vs**

1. **Il-Ministru tal-Finanzi u l-Ministru ghall-Politika Socjali li gie msejjah fil-kawza b'digriet tal-1 ta' Awissu 2010**
2. **Id-Direttur tal-Kuntratti**
3. **It-Tabib Principali tal-Gvern li gie msejjah fil-kawza b'digriet tat-2 ta' Dicembru 2011**.

L-Erbgha, 7 ta' Ottubru, 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fid-29 ta' April 2009, is-socjeta' attrici ppremettiet u talbet:-

*Illi s-socjeta' attrici kienet rebhet it-tender CT 2247/2006 ghat-tqassim tal-hobz "in all Government Hospitals and Institutions in Malta, as well as Armed Forces of Malta" ghall-perijodu bejn 1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Dicembru 2007 u kif ukoll it-tender CT 2479/07 ghat-tqassim tal-hobz ghas-sena sussegwenti u cioe' ghal perjodu ta' bejn 1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Dicembru 2008;*

*Illi l-istess socjeta' attrici giet obbligata taghmel, kif inhija l-prattika fil-kaz ta' tenders pubblici, garanzija bankarja ta' ghaxra fil-mija (10%) tal-valur taz-zewg kuntratti u dan jidher car mill-ittra ta' accettazzjoni tat-tender mibghuta mid-Dipartiment tal-Kuntratti datata 14 ta' Settembru 2006, hawn annessa u mmarkata Dok 'KCV1' u mill-kuntratt hawn anness u mmarkat 'KVC2';*

*Illi t-tenders li gew mirbuha mis-socjeta' attrici jikkonsistu fl-immanifatturar tal-hobz gewwa l-forn ta' l-istess socjeta' attrici u t-tqassim tieghu gewwa l-isptarijiet kollha ta' Malta kif ukoll gewwa l-istituzzjonijiet kollha tal-Gvern inkluz il-Forzi Armati ta' Malta;*

*Illi ghad li dawn it-tenders intrebhu mis-socjeta' attrici, fil-fatt numru ta' istituzzjonijiet tal-Gvern, fosthom, id-djar tax-xjuh tal-Mosta, Gzira, Msida u Zammit Clapp, ic-centri ta' detenzjoni tal-klandestini ta' Hal-Far, Hal-Safi u ta' Kandja kollha mmexxija mill-Forzi Armati kif ukoll l-Isptar Mater Dei kienu qed jiehdu l-hobz taghhom minghand entitajiet terzi u mhux minghand is-socjeta' attrici kif kienu obbligati li jaghmlu;*

*Illi ghad li s-socjeta' attrici ressqet l-ilmenti taghha lill-persuni inkarigati, il-konvenuti jew min minnhom xorta wahda baqghu jiksru l-kundizzjonijiet tat-tenders in kwistjoni b'mod palesi fil-konfront tas-socjeta' attrici;*

*Illi dan l-agir tal-konvenuti jew min minnhom irrenda l-ftehim mas-socjeta' attrici minghajr l-ebda skop u sinifikat u irreka danni kbar lill-istess socjeta' attrici li nvestiet f'apparat u taghmir apposta biex tkun tista' taghti l-aqwa servizz lill-Gvern;*

*Illi dan l-agir da parti tal-konvenuti jew min minnhom jikkostitwixxi ksur palesi ta' l-obbligi kontrattwali assunti minnhom u ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghandhom iwiegbu wkoll in linea ta' danni versu s-socjeta' attrici;*

*Illi s-socjeta' attrici tirrileva finalment li l-kuntratti l-partijiet ghandhom jidhlu ghalihom in bona fide u tali ftehim ta' bejn il-kontendenti ghandu jigi interpretat fl-ispirtu ta' dak li riedu jiftehmu fih il-partijiet u halli jirrendi tali ftehim bhala wiehed effikaci;*

*Illi s-socjeta' attrici gja' ressqet protest gudizzjarju fil-konfront tal-konvenuti jew min minnhom datat 21 ta' Novembru 2007 [Dok. 'KCV3'], izda dawn baqghu inadempjenti.*

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici titlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom fil-fatt akkwistaw hobz minghand terzi meta dan seta' jigi akkwistat u fornut mis-socjeta' attrici;*

*2. Tiddikjara konsegwentement li l-konvenuti jew min minnhom kisru t-termini tal-kuntratti CT 2247/06 u CT 2479/07 fil-konfront tas-socjeta' attrici;*

*3. Tiddikjara li a kawza tad-dekadenza da parti tal-konvenuti jew min minnhom is-socjeta' attrici sofriet danni;*

*4. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici ai fini tar-raba talba attrici;*

*5. Tordna l-konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma hekk illikwidata.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju datat u rappresentanti u ufficcjali tal-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fid-9 ta' Ottubru 2009, il-konvenuti wiegbu:-

*1. Illi preliminarjament, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment mhux il-legittimu kontradittur a tenur ta' l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk l-istess ghandhom jigu michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet li se jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:*

*(i) F'din is-sejha ghall-offerti ghat-tqassim tal-hobz fl-isptarijiet tal-Gvern u istituzzjonijiet governattivi f'Malta, il-kuntratt (li diga' gie ezebit mar-rikors guramentat) gie ffirmat mid-dipartiment tal-kuntratti ghan-nom tal-Ministeru tal-Politika Socjali u s-socjeta' rikorrenti. Dan il-kuntratt jissejjah framework agreement;*

*(ii) Illi l-intenzjoni ta' din is-sejha ghall-offerti qatt ma kienet li l-isptarijiet u l-istituzzjonijiet jixtru l-hobz esklussivament minghand is-socjeta' rikorrenti. Il-kuntratt gie ffirmat sabiex jiffacilita' l-process ghal dawk l-isptarijiet jew istituzzjonijiet li riedu jixtru l-hobz minghajr ma joqghodu jidhlu fil-mertu ta' prezz u tqassim. Pero' d-dipartimenti setghu, jekk hekk riedu, jixtru hobz minghand terzi persuni. Issir hawnhekk ukoll referenza ghall-klawsola 16 tal-Kundizzjonijiet Specjali tal-Kuntratti ghat-tqassim ta' Provisjonijiet li huma parti integrali mill-kuntratt li l-istess socjeta' rikorrenti ffirmat;*

*L-esponenti pero' jiccaraw hawnhekk li huma ma jafux bhala fatt jekk l-allegazzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti li nxtara hobz minghand terzi hijiex veritiera jew le; jew fil-kaz li sar hekk x'kienu ragunijiet ghalfejn kellu jinxtara hobz minghand terzi. Inoltre' d-direttur tal-Kuntratti qatt ma awtorizza lill-istituzzjonijiet governattivi biex jixtru xi hobz minghand terzi persuni fil-perjodu imsemmi fir-rikors guramentat;*

*(iii) Ghaldaqstant, jekk l-allegazzjoni tas-socjeta' rikorrenti tirrizulta li hija minnha, in vista tal-fatt li dan ma kienx kuntratt li kien esklussiv, id-direttur tal-kuntratti ma' seta' jiehu l-ebda pass kontra dawk l-isptarijeit/istituzzjonijiet peress li ma kienet qed issehh l-ebda illegalita' jew ksur ta' xi kundizzjoni fil-kuntratt;*

*(iv) L-esponenti ma akkwistaw l-ebda hobz minghand hadd. Huma ma kienux il-beneficjarji tas-sejha ghall-offerti in kwistjoni. Ghalhekk l-ewwel talba tas-socjeta' rikorrenti ma tistax tintlaqa' fil-konfront taghhom;*

*(v) L-esponenti ma kisru l-ebda terminu tal-kuntratti CT 2247/06 u CT 2479/07. Kif diga' gie spjegat u kif jirrizulta mill-kuntratt li gie ffirmat bejn il-partijiet, il-Ministru tal-Finanzi ma kienx firmatarju tal-kuntratti in kwistjoni u d-dipartiment tal-kuntratti agixxa ghan-nom tal-Ministeru ghall-Politika Socjali u ghaldaqstant huma ma assumew l-ebda obbligu naxxenti mill-kuntratti. Semmai l-obbligi gew assunti mill-awtorita' kontraenti li kienet il-beneficjarja tal-kuntratti;*

*(vi) Is-socjeta' rikorrenti ma sofriet ebda dannu;*

*(vii) L-esponenti ma kkawzaw ebda danni lis-socjeta' rikorrenti u in vista tas-suespost m'ghandhomx jinstabu li kkawzaw xi tip ta' dannu;*

*(viii) Wara l-process ta' l-ghoti tat-tender l-involviment tad-Direttur tal-Kuntratti jibqa' biss wiehed marginali u skont kif jipprovdu r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici. L-implimentazzjoni u l-ezekuzzjoni tal-kuntratt hija fdata f'idejn l-awtorita' kontraenti u dan anki skont ir-Regolament 5(n);*

B'digriet tal-1 ta' Awissu 2010, il-Ministru tal-Politika Socjali gie msejjah fil-kawza. Ghalkemm notifikat bl-atti (fol. 291) ma jirrizultax li pprezenta twegiba guramentata.

B'digriet tat-2 ta' Dicembru 2011 gie msejjah it-Tabib Principali tal-Gvern li wiegeb (fol. 447):

*Li mhux kontesa li s-socjeta rikorrenti rebhet it-tender CT 2247/2006 u lanqas ma hu kontestat illi s-socjeta rikorrenti kellha tiddepozita garanzija bankarja stante li dan huwa mehtieg bhala kundizzjoni kuntrattwali.*

*Illi l-allegazzjoni illi l-intimat kien qed jixtri l-hobz minghand terzi hija ghal kollox infondata stante illi kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati bhala Dok. BG1 il-hobz kien effettivament qed jinxtara minghand is-socjeta rikorrenti.*

*Illi l-intimat irrispetta l-obbligi kuntrattwali naxxenti mit-tender imsemmija u ghalhekk l-allegazzjonijiet vantati mis-socjeta rikorrenti huma bla bazi.*

*Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimat ma jirrispondix ghad-danni reklamati stante li dawn l-allegati danni ma grawx tort ta' xi nuqqas da parti tieghu.*

B'digriet tal-5 ta' Gunju 2012 (fol. 640) il-qorti laqghet it-talba tas-socjeta attrici sabiex fl-ewwel lok tinghata sentenza preliminari dwar l-ewwel zewg talbiet[1].

Il-qorti rat l-atti li jinkludu nota ta' sottomissjonijiet.

1. Il-kawza titratta dwar zewg tenders li l-attrici rebhet ghall-bejgh u konsenja ta' hobz lill-Gvern ghall-perjodi bejn l-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Dicembru

[1] It-talba saret permezz ta' rikors prezentat fit-8 ta' Mejju 2012. Min-naha taghhom il-konvenuti wiegbu fil-21 ta' Mejju 2012 u ddikjaraw li jaqblu mat-talba.

2007 (CT 229[2]) u mill-1 ta' Jannar 2008[3] sal-31 ta' Dicembru 2008 (CT. 2479/07[4]).

Fir-rigward:-

a) Tal-ewwel tender ma kienx gie ffirmat kuntratt. Permezz ta' ittra datata 14 ta' Settembru 2006 (fol. 323) l-attrici giet infurmata li kienet rebhet it-tender ***".... For the supply and delivery of all Government Hospitals and Institutions in Malta, as well as the Armed Forces of Malta, as indicated in the attached published Specifications and Conditions....."***.

   Fi klawzola 16 tad-dokument *Special Conditions of Contracts for the Supply of Provisions, Fuel and Washing Materials*, jinghad:-

   ***"16. The Government reserves the right of obtaining any quantity of the above-mentioned commodities during the period of the contract from sources other than the contractor"***.

b) Tat-tieni tender, fil-bidu ta' Mejju 2008 gie ffirmat. Fi klawzola 18 tad-dokument *Specifications and Conditions of Tenderer for the Supply of Bread to St. Vincent de Paul Residence, Mount Carmel Hospital, Boffa Hospital, Emergency Hospitals, General Stores, Corradino Correctional Facility, The Armed Forces of Malta and other Government Institutions*, jinghad:

   *"The quantities of bread purchased during 2005 are as follows:*

   *Maltese Type Ordinary bread in loaves 18,893kgs*
   *Sliced and wrapped Maltese type loaves 161,272kgs*
   *Whole meal panini no purchases*
   *White Panini 3,771.16kgs*
   *Fancy Sliced Bread 435,409 loaves*
   *Whole Meal Bread 1,029 loaves*

   ***The quantities shown above are only indicative and where necessary may be exceeded. Moreover Government reserves the right not to order the whole quantities shown and would not, by doing so, be held liable to any damages or other costs whatsoever"***.

   L-ilment tal-attrici hu li numru ta' istituzzjonijiet tal-Gvern, fosthom id-djar tax-xjuh tal-Mosta, Gzira, Msida u Zammit Clapp, ic-centri ta' detenzjoni tal-klandestini ta' Hal Far, Hal Safi u ta' Kandja li huma mmexxija mill-Forzi

[2] Dok. XX1 (fol. 315).
[3] Fatt li l-kontendenti jaqblu dwaru.
[4] Dok. XX6 (fol.386).

Armati, kif ukoll l-Isptar Mater Dei kienu qeghdin jixtru l-hobz minghand terzi. Ghalhekk is-socjeta attrici tilmenta li l-Gvern kiser l-obbligu li jixtri l-hobz minghandha. Da parti tal-Gvern id-difiza principali hi li qatt ma kienet l-intenzjoni li jobbliga ruhu li jixtri hobz esklussivament minghand is-socjeta attrici.

2. L-ewwel eccezzjoni tal-Ministru tal-Finanzi hi li m'huwiex legittimu kontradittur. Mill-provi hu evidenti li l-Ministru ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan il-kaz. It-tenders hargu mid-Dipartiment tal-Kuntratti u l-kuntratt iffirmat f'Mejju 2008 ma kienx iffirmat mill-Ministru tal-Finanzi. Fic-cirkostanzi dan il-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur.

3. Id-Direttur tal-Kuntratti eccepixxa li ma kellux interess personali fil-kuntratti oggett tal-kawza. Fil-fatt dan jirrizulta mit-tenders[5]. Sahansitra fir-rigward tas-sena 2008 gie ffirmat kuntratt fejn jinghad car u tond li d-Direttur tal-Kuntratti qieghed jidher ghan-nom tal-Ministru tal-Politika Socjali[6]. Id-Direttur tal-Kuntratti hu the *Central Government Authority* filwaqt li l-Ministru tal-Politika Socjali kien il-*Contracting Authority* (ara fol. 390). Ir-relazzjoni kuntrattwali tal-attrici hi mal-Ministru tal-Politika Socjali. Jekk l-attrici riedet tipprocedi skond ma jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kap. 12, kellha tmexxi kontra d-Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Socjali. Inoltre ma jirrizultax li d-Direttur tal-Kuntratti ghamel xi ordnijiet ghax-xiri ta' hobz minghand is-socjeta attrici u l-ilment taghha kien fil-konfront tal-Forzi Armati, il-Pulizija u t-Taqsima tas-Sahha ghal dak li jikkoncerna l-isptar Mater Dei. Fic-cirkostanzi d-Direttur tal-Kuntratti ser jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

4. F'affidavit li pprezenta fit-12 ta' April 2011 (fol. 295), Victor Sant[7] qal:-

- Is-socjeta attrici kienet tbiegh lill-Pulizija bejn 1,500 u 1,600 panini kuljum bil-prezz ta' Lm0.03 ghal kull panina. Dan kien ifisser dhul ta' bejn Lm1,450 u Lm1,600 kull xahar;
- F'Jannar 2007 kien gie nfurmat mill-Maggur S. Bunce li ma kienux ser ikomplu jixtru l-hobz minghand is-socjeta attrici[8].
- Wara li ha t-tieni kuntratt, meta fl-24 ta' Marzu 2008 *"... morna bil-hobz ghand l-AFM ta' Hal Safi u Hal Far, gejna nfurmati mis-surgenti tal-kcina illi mill-ghada ma jridux iktar hobz minn ghand il-kumpannija taghna ghax ghandhom xi hadd gdid li ha jissupplixxi kollox hu"* (fol. 296).
- L-attrici kienet tissupplixxi lill-Forzi Armati b'madwar 1,800 – 2,000 hobza tat-*toast* kuljum li jfissru Lm1,560 kull gimgha.

L-ilmenti li semma Victor Sant fl-affidavit huma limitati fil-konfront tal-Pulizija u Forzi Armati.

---

[5] Fl-ewwel tender jinghad car u tond li t-tender hu *"... for the supply of Bread to the Health Division" (Dok. XX1 fol. 315).*
[6] Dok. XX6 fol. 386 u 390.
[7] Direttur tas-socjeta attrici.
[8] Fir-realta' jirrizulta li baqa' jinxtara hobz, pero' d-dhul naqas drastikament (ara nota prezentata fit-13.9.2011 a fol. 304).

5. M'huwiex kontestat li klawzola numru 16 kienet wahda mill-kundizzjonijiet tal-ewwel ftehim, cjoe' dak kien ikopri s-sena 2007. L-attrici ssostni li dik il-klawzola ghandha tigi nterpretata fis-sens li:-

   *"… l-iskop ta' tali klawzola hija biss intiza halli jitqabbdu kuntratturi terzi f'kaz li s-socjeta ma tkunx f'posizzjoni illi tibqa' tforni, jew addirittura ma tfornix, jew tikser xi kundizzjoni tal-kuntratt, u cioe tmur kontra dak li hija obbligat ruhha illi tforni ai termini ta' l-imsemmi kuntratt"[9].*

   Victor Sant, direttur tas-socjeta attrici, qal li kien gie spjegat lilu li dik il-klawzola *"….. tapplika biss ghal meta inti taghmel breach of contract jew tmur default fil-prodott"* (fl. 771).

   Il-qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni. Il-klawzola taghmilha cara li l-Gvern irrizerva d-dritt li jixtri hobz minghand haddiehor. Kliem li hu car m'huwiex soggett ghal interpretazzjoni (Artikolu 1002 tal-Kodici Civili). B'din il-klawzola hu evidenti li l-Gvern ma kienx obbliga ruhu li jixtri hobz biss minghand l-attrici.

6. Fir-rigward tat-tieni kuntratt, dak li jirreferi ghas-sena 2008, ma jirrizultax li fih klawzola identika. Pero' l-Gvern ghamel riferenza ghall-klawzola 18 (fol. 400) fejn jissemma l-kwantita ta' hobz li kien inxtara fis-sena 2005 u fiha jinghad li l-Gvern ma kellux obbligu li jixtri dik il-kwantita ta' hobz. Il-qorti ma tarax li klawzola 18 hi rilevanti biex jigi determinat jekk il-Gvern kienx obbligat li jixtri biss minghand l-attrici l-kwalita ta' hobz li jissemma fi klawzola 1.1 (fol. 390).

   Hu evidenti li l-kuntratt kien wiehed ta' ***supply*** ta' hobz da parti tal-attrici lill-Gvern. Pero' mill-kuntratt il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-Gvern kien obbligat li jixtri hobz **biss**[10] minghand is-socjeta attrici. Fil-fatt m'hemm l-ebda klawzola li tghid li l-istituzzjonijiet li jissemmew fil-kuntratt huma obbligati jixtru **biss** minghand is-socjeta attrici.

7. Ghal dak li jirrigwarda l-Forzi Armati, kif rajna Victor Sant qal li kien jikkonsenja madwar 1,800 u 2,000 *'**hobza tat-toast** kuljum…'* (fol. 297). F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li t-tip ta' hobz li kien jinxtara matul is-sena 2007 ma kienx oggett tal-kuntratt iffirmat f'Mejju 2008 (ara klawzola 1.1 tal-kuntratt iffirmat f'Mejju 2008). Ghalhekk mehud in konsiderazzjoni ta' dan 'il fatt ukoll, l-ilment tal-attrici ma jregix.

8. Fir-rigward tal-hobz li kien jinxtara minghand il-Pulizija, mid-deposizzjoni ta' Stephen Bunce[11] rrizulta li kien jinxtara sabiex jinghata mal-ikel lill-immigranti. Jidher li f'dak iz-zmien it-tisjir tal-ikel ghall-immigranti mizmuma f'centri mmexxija mill-pulizija, kien isir f'kcina tal-pulizija. Skond ma qal ix-xhud kienet

[9] Pagna 7 tan-nota ta' sottomissjonijiet, dik il-parti ntestata Klawzola 16.
[10] Dak li jissemma fi klawzola 1.1 tal-kuntratt (fol. 390).
[11] Seduta tas-26 ta' Marzu 2014 (fol. 828).

harget ordni li ma jibqax isir tisjir u dan wassal biex jieqaf ix-xiri tal-hobz minghand is-socjeta attrici. Gialadarba ma kienx hemm iktar bzonn li jinxtara hobz, ma jfissirx li l-Gvern kiser xi obbligu taht il-kuntratt iffirmat fil-bidu ta' Mejju 2008. Inoltre, min-nota li pprezentat l-attrici fit-13 ta' Settembru 2011 (fol. 304) hu evidenti li fir-rigward tas-sena 2008 kienet taf mill-bidunett li ma minghand il-pulizija ma kienx ser ikun hemm il-volum ta' xiri li kien hemm fis-sena 2006. Fil-fatt skond l-attrici fis-sena 2006 kellha dhul ta' €42,663.41 filwaqt li fis-sena 2007 kellha dhul ta' €4,441.53 filwaqt li fis-sena 2008 kellha dhul ta' €1,162.20. Ghalhekk meta dahlet ghall-kuntratt li jirreferi ghas-sena 2008 kienet diga' taf li mhux ser ikollha l-volum ta' bejgh li kellha matul is-sena 2006[12].

9. Issemma wkoll li l-Gvern ma kompliex jixtri hobz minghand l-attrici meta nfetah l-Isptar Mater Dei[13]. Mid-dokumenti li pprezenta t-Tabib Principali tal-Gvern jirrizulta mod iehor (ara dokumenti prezentati mat-twegiba guramentata fol. 464-526)[14]. Fatt li rrizulta wkoll mid-deposizzjoni ta' Eric Pirotta u Louis Briffa (seduta tal-4 ta' Dicembru 2012[15]). Fis-seduta ta' wara[16] Victor Sant xehed li fir-rigward tal-isptar Mater Dei l-ordnijiet tal-hobz kienu naqsu peress li l-ikel tal-isptar kien beda jigi ppreparat minn ditta privata u mieghu kien hemm inkluz il-hobz. Madankollu l-Gvern qatt ma obbliga ruhu li jordna xi kwantita definita ta' hobz minghand l-attrici. F'dan il-kuntest hi rilevanti l-klawzola numru 18. F'kull kaz mid-dokumenti li pprezenta t-Tabib Principali tal-Gvern dak li ddikjara Victor Sant ma jirrizultax.

10. Fir-rikors guramentat l-attrici lmentat li kien hemm numru ta' djar ta' anzjani kif ukoll centri ta' detenzjoni ta' immigranti li kienu qeghdin jixtru l-hobz minghand terzi u mhux minghandha. Irrispettivament ta' dak li diga' nghad, din baqghet biss allegazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Ministru tal-Finanzi u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**
2. **Tilqa' l-eccezzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti li huwa kien qieghed jidher biss in rapprezentanza ta' dipartimenti tal-Gvern u ma kellux interess personali fil-kuntratti. Ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju**.
3. **Fil-meritu, ghar-ragunijiet li nghataw hawn fuq tichad l-ewwel u tieni talbiet tal-attrici.**

---

[12] F'dan ir-rigward hu rilevanti wkoll dak li xehed Victor Sant fl-affidavit fir-rigward ta' dak li gara f'Jannar 2007.
[13] Pero' waqt il-kontro-ezami tal-11 ta' Frar 2014 Victor Sant illimita ruhu ghall-ahhar tlett xhur tas-sena 2008.
[14] Ghalhekk m'hijiex verita meta fin-nota tat-13 ta Settembru 2011 l-attrici ddikjarat li *"L-isptar Mater Dei qatt ma ordna hobz minghand is-socjeta attrici u dan kontra dak li jghid it-tender li jispecifika li t-tender huwa ghall-entitajiet u sptarijiet kollha tal-Gvern"* (fol. 304).
[15] Fol. 663-679.
[16] Seduta tas-7 ta' Jannar 2013 (Fol. 680).

4. **Billi l-kumplament tat-talbiet huma konsegwenzjali ghall-ewwel zewg talbiet li gew michuda, tichad l-istess.**

**Spejjez a karigu tas-socjeta attrici**.

Anthony Ellul.